MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 197/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jason Manuel Briffa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jason Manuel Briffa talli f'dawn il-Gzejjer ghax-xhur ta' Novembru 2005, Dicembru 2005 u Jannar 2006, naqas li jaghti l-manteniment lil martu Stefania Briffa u ghal binhom minuri Kelly Briffa ta' 7 snin liema manteniment jammonta ghal Lm150 kull xahar u ghandu jithallas bil-quddiem skond digriet numru 1806/2003 mahrug mill-Imhallef Onor. Dr. Joseph Azzopardi LL.D.;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Mejju 2006, li permezz

taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Jason Manuel Briffa hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontrieh u kkundannatu ghal detenzjoni ghal zmien xahrejn;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Jason Manuel Briffa pprezentat fis-26 ta’ Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliggi piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;
Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena u l-aggravji ta’ l-appellant jirrigwardaw precizament il-*quantum* tal-piena nflitta.

L-appellant jghid illi l-ewwel Qorti kienet drastika meta mponiet il-piena massima permissibbli mil-ligi, partikolarment in vista tal-fatt illi huwa rregistra ammissjoni u b’hekk iffranka hin prezzjuz lill-Qorti. Barra minn hekk l-appellant obbliga ruhu fl-atti permezz ta’ verbal fis-seduta tas-16 ta’ Mejju 2006 li huwa ser ihallas il-manteniment dovut fi zmien sena. Jghid li l-ewwel Qorti kkoncedietlu dan it-terminu izda mbaghad ghaddiet biex timponi l-piena massima ta’ xahrejn detenzjoni.

Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista’ tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta’ appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Ammissjoni

bikrija mbaghad mhux bil-fors jew dejjem, jew b’xi forma ta’ dritt jew awtomatikament, tissarraf f’riduzzjoni fil-piena.

Fil-kaz in ezami, mis-sentenza appellata stess jirrizulta illi wara li l-appellant ammetta, l-ewwel Qorti taghtu zmien biex jikkonsidra l-ammissjoni tieghu u naturalment, ghalkemm ma jinghadx hekk fis-sentenza, ghaddiet ghas-sentenza in vista tal-fatt li l-appellant ippersista f’dik l-ammissjoni. Minn imkien ma jirrizulta li l-ewwel Qorti kkoncediet lill-appellant it-terminu ta’ sena sabiex ihallas il-manteniment dovut. L-appellant irid jiftakar li sentenza hija esegwibbli minnufih (art. 665 tal-Kap. 9) sakemm ma jintalabx it-twaqqif tal-esekuzzjoni taghha ghall-fini ta’ appell (art. 416 tal-Kap. 9). Imbaghad, l-appellant stess jammetti li l-piena hija fil-parametri tal-ligi u l-ilment tieghu huwa li giet imposta fil-massimu taghha. Proprjament l-anqas hawn ma hu korrett peress illi, in vista tal-fatt li hawn si tratta ta’ reat kontinwat, il-piena tista’ tizdied minn grad sa zewg gradi u ghalhekk tista’ titla’ sahansitra sa massimu ta’ sitt xhur prigunerija.

L-appellant jghid ukoll illi l-piena hija harxa anke meta jigi kkunsidrat li l-kuncett ta’ *crime does not pay* m’ghadux applikabbli llum u l-iskop tal-piena llum mhux biss dak ta’ deterrent jew retribuzzjoni izda ta’ rijabilitazzjoni. Isostni li l-ewwel Qorti ma haditx dan in konsiderazzjoni u konsegwentement il-piena nflitta kienet wahda harxa.

Jirrizulta li fl-istess gurnata l-ewwel Qorti ttrattat ma’ l-appellant bl-istess mod f’erba’ citazzjonijiet separati u distinti li lkoll jittrattaw perijodi differenti li dwarhom l-appellant ma hallasx il-manteniment dovut skond digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili numru 1728/03 (mhux 1728/04 kif erronejament indikat fic-citazzjoni), liema perijodi pero` jsegwu jew huma vicini ta’ xulxin: Dicembru 2004 sa April 2005 (appell nru. 195/06), Mejju 2005 u Gunju 2005 (appell nru. 194/06), Awissu 2005 u Settembru 2005 (appell nru. 196/06), u Novembru 2005 u Dicembru 2005 (appell nru. 197/06). Naturalment din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma tistax tordna li l-erba’ processi jew l-erba’ sentenzi jigu inkorporati fi process wiehed jew f’sentenza wahda peress li ebda disposizzjoni

tal-ligi ma tawtorizzaha taghmel hekk. L-uniku rimedju hu li jekk il-Qorti (li tista' tkun anke l-Qorti ta' prim'istanza) tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawzi separati kellhom jigu ttrattati bhala reat kontinwat f'kawza wahda, il-Qorti ghandha timmodera u tadegwa l-piena ghac-cirkostanzi (Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Galea**, 3 ta' Novembru 1995 – Vol. LXXIX.v.1678).

F'dan il-kaz pero` jirrizulta li nbidlu c-cirkostanzi peress illi fil-mori tal-kawza l-appellant hallas dak kollu li kien dovut lil martu dwar il-perijodu ndikat fic-citazzjoni.

Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Publius Said** deciz fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

**"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament".**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahrejn detenzjoni u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' *ammenda* ta' tmienja u hamsin euro tlieta u ghoxrin centezmu (58.23 euro ekwivalenti ghal hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25)).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------